MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**CARUANA DEMAJO GIANNINO**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI GINO LL.D.**

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 1/1994/5

**John Bernard sive Ian Salomone**

**vs**

**Theresa Debono (nee' Cilia)**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. B'libellipprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili il-libellant ippremetta:

"Illi b'citazzjoni pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Theresa Cilia u skond verbal 'illum mart John Debono' vs John Bernard sive Ian Salomone" (Citazz. Nru. 589/89/AJM) il-libellata Theresa Debono ippremettiet:

Illi l-kontendenti kienu gharajjes u kienu weghdu z-zwieg lil xulxin; illi fit-3 ta' Ottubru 1988 il-kontendenti kienu stipulaw, permezz ta' skrittura privata li z-zwieg kellu jigi celebrat fi zmien sitt xhur; illi l-kontendenti stipulaw ukoll li fin-nuqqas, wara li parti tkun interpellat lill-ohra ghalhekk b'ittra registrata, il-parti offiza jkollha d-dritt ghad-danni reali u morali li huma ikkwantifikati minn qabel, kollox skond l-imsemmija skrittura; u billi l-konvenut, ghalkemm kien gia ftiehem fuq data tat-tieg ma riedx jaddivieni ghaz-zwieg; huwa ghalhekk gie interpellat b'ittra registrata; illi ghalhekk skond l-istess skrittura hija dovuta minnu lill-attrici somma ta' hmistax il-elf lira Maltija (LM15,000); illi l-konvenut gie interpellat jhallas din is-somma."

Illi l-libellata ghalhekk talbet lill-Qorti ghar-ragunijiet premessi biex:

"(i) tiddikjara li ghadda zmien xieraq skond l-istess skrittura li fiha hu seta jizzewweg lill-attrici;

(ii) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' LM15,000 (hmistax-il-elf lira Maltin) fuq imsemmija;

Bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' April 1988 u bl-imghax legali min-notifika ta' l-istess, kontra l-konvenut."

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT

2.1 Il-konvenut (odjern appellant) eccepixxa hekk:

"(i) Illi mhux minnu li l-eccipjent volontarjament u illegalment irrifjuta li jipprocedi u jkompli l-weghda taz-zwieg;

(ii) Illi l-gharusija ma tkomplietx unikament htija ta' l-agir ta' l-attrici u ghall-ragunijiet imputabbli lilha;

(iii) Illi l-attrici hadet vantagg mill-istat depressiv li minnu l-adezjoni ghall-ftehim mercenarju intiz biss biex jassigura li l-eccipjenti jizzewweg bil-pistola ma' rasu;

(iv) Illi l-effett ta' din l-iskrittura kien it-thassir tar-relazzjoni bejn il-partijiet u r-rivelazzjoni tal-karattru veru ta' l-attrici."

2.2 B'nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu, il-libellant eccepixxa ulterjorment hekk:

"Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, il-kuntratt oggett ta' din il-kawza ma jistax iregi bhala kawzali, stante li z-zwieg miftiehem bejn il-kontendenti kif deskritt fl-iskrittura kien specifikatament zwieg biss 'skond ir-rit tal-Knisja Kattolika' u mhux ukoll skond il-ligijiet ta' Malta; ghalhekk ma hemmx resiliment ta' weghda ta' zwieg soggett ghas-sanzjonijiet enforzabbli fil-Qrati Civili taht il-ligijiet civili, jekk iz-zwieg miftiehem u imhassar, ma kienx, skond l-istess ligijiet civili, zwieg."

Illi b'sentenza ta' l-4 ta' Ottubru, 1993 dina l-Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement laqghet it-talbiet attrici u prevja id-dikjarazzjoni li ghadda zmien xieraq skond l-iskrittura tat-3 ta' Ottubru 1988 li fih il-konvenut setgha jizzewweg lill-attrici, a tenur ta' l-istess skrittura ikkundannat lill-istess konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' hmistax-il elf lira Maltin bl-imghax legali min-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' April 1989 u bl-ispejjez kollha kontra il-konvenut;

Wara li l-libellant jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti ikompli billi jsostni li hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-Kap. 12, liema Artikolu l-esponenti invoka permezz ta' dan il-libell u senjatament il-paragrafi
(e) applikazzjoni zbaljata tal-ligi fis-sentenza;
(i) dispozizzjonijiet kontradittorji fis-sentenza;
(k) provi godda; u (l) fejn is-sentenza kienet l-effett ta' zball li johrog mill-proceduri jew mid-dokumenti tal-kawza;

Illi kuntrarjament ghal dak li irriteniet il-Qorti fis-sentenza taghha fuq imsemmija;

(i) Il-libellant ma kellux il-fakultajiet mentali tieghu necessarji biex jaghti l-kunsens tieghu fl-iskrittura tat-3 ta’ Ottubru 1988 haga li zbaljatament giet interpretata erroneament mill-Qorti li giet eskluza mit-tabib kuranti tieghu;

(ii) Il-fatt li jissemma biss iz-zwieg bir-rit tal-Knisja Kattolika certament ma kienitx semplicement incidentali kif irritenit il-Qorti fis-sentenza taghha izda element fondamentali tal-ftehim bejn il-partijiet fl-iskritttura in kwistjoni;

(iii) Il-libellant qatt ma rrifjuta li jizzewweg jew kiser il-weghda ta’ zwieg u kuntrarjament ghal dak li rritenit il-Qorti fis-sentenza, il-libellant kellu ragunijiet validissimi sabiex ma jersaqx ghac-celebrazzjoni taz-zwieg;

(iv) Minn imkien ma rrizulta mill-provi li kien il-libellant li nforma l-Awtoritajiet Ekkleziastici bl-ezistenza ta’ l-iskrittura in kwistjoni kif erroneament ikkonkludiet il-Qorti.
Skond l-appellant minn mindu inghatat is-sentenza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 1993 u wara li skada it-terminu ghall-Appell, aktar provi u evidenza rrizultaw lill-esponenti li minhabba l-importanza taghhom jimmeritaw it-trattazzjoni tal-kawza.

Skond l-appellant, applikazzjoni erronea tal-ligi mill-Qorti fis-sentenza skond l-Artikolu 811 (e):
L-inkapacita’ tal-konvenut jikkuntratta.

(a) Il-psikjatra Dr George Debono fil-11 ta’ Novembru 1993 ikkonferma lill-konvnut li fil-kontra-ezami tax-xhied tieghu li nghatat quddiem il-perit legali, ix-xhieda tieghu giet mizinterpretata;
(b) Ghalkemm xehed korrettement it-tabib Debono li l-libellant ma kienx qed ibati mit-tip ta’ “Insanity” li jirrendu persuna inkapaci li jiddisponi b’testment, it-tabib Debono ma riedx ifisser li l-libellant kien kapaci li jaghmel kuntratti ohra;
(c) Meta sar il-kuntratt tat-3 ta’ Ottubru 1988 il-libellant kien qieghed “ibati minn stat dipressiv” u ansjeta’ u kellu

wkoll ‘derealization’ cioe’ stat ta’ ansjeta’ b’disturbi tal-konxju u disturbi mentali li affettwawh f’forma ta’ ‘repetitive pattern’, li kienet thalli l-libellant b’numbness tal-mohh u certa ‘poverty of thought’ u anke ‘lack of concentration’ skond ix-xhieda ta’ Dr Debono;
(d) Il-libellant kien qed ibati minn dan l-istat mentali tant li meta iffirma l-iskrittura in kwistjoni, evidentement ‘minhabba ragunijiet temporanja, ma kellux f’dak iz-zmien is-setghat intellettwali, jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg’, skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 19 (1) (h) tal-Kap. 255.
(e) Ghalhekk il-kunsens tal-libellant ghal weghda taz-zwieg kien vizzjat u ma kienx sufficjenti biex jintrabat li jizzewweg.
(f) Dan in-nuqqas ta’ kapacita’ tal-libellant f’dak iz-zmien li jikkuntratta irrenda l-kunsens allegatament moghti ghall-weghda taz-zwieg null u minghajr ebda effett skond il-ligi;
(g) Il-livell ta’ kunsens rikjest mill-ligi biex persuna taghti l-kunsens ghaz-zwieg huwa ferm ghola mill-kunsens necessarju biex persuna tiddisponi b’testment u certament ghola minn kunsens rikjest biex jaghmel kuntratti ohra bhal semplici kuntratt ta’ bejgh ta’ mejda.

Ritrattazzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 811 (k), (1) u (i):
(a) Fis-sentenza taghha l-Qorti kkonkludit erroneament li l-libellant “kuntrarjament jew ma kellux il-fakultajiet mentali tieghu, haga li giet eskluza mit-tabib kuranti tieghu jew ried jitqarraq bl-attrici”;
(b) Il-psikjatra Debono fil-fatt eskluda li l-libellant kien inkapaci li jiddisponi b’testment ghaliex ma kienx ‘insane’;
(c) It-tabib Debono ikkonferma lill-libellant kif diga’ intqal qabel fil-11 ta’ Novembru 1993 li huwa bl-ebda mod ma eskluda jew ried jeskludi li l-libellant kien ukoll inkapaci li jaghti l-kunsens tieghu li jizzewweg;
(d) Ghalhekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball mill-proceduri jew dokumenti tal-kawza, kif jirrizulta mill-provi godda u s-sentenza tikkontjeni dispozizzjonijiet kontradittorji.

RITRATTAZZJONI a bazi ta’ l-Artikolu 811 (e) u (i):
(a) Fis-sentenza l-Qorti erroneament waslet ghall-konkluzjoni li “l-intenzjoni li kellhom il-kontendenti kienet li

jigi celebrat zwieg vinkolanti bejniethom u l-fatt li jissemma biss zwieg bir-rit tal-Knisja Kattolika kien semplicement incidentali.”;
(b) Il-partijiet ftehmu specifikatament li z-zwieg kellu jigi celebrat “skond ir-rit tal-Knisja Kattolika”;
(c) Hemm differenza kbira bejn zwieg purament civili u zwieg celebrat skond ir-rit tal-Knisja Kattolika jew zwieg skond ir-rit ta’ kwalsiasi religjon iehor kemm fil-forma kif ukoll u partikolarment fl-effetti rizultanti;
(d) Zwieg celebrat biss skond ir-rit tal-Knisja Kattolika qatt ma jista’ jaghti lok ghal divorzju la f’Malta u fl-ebda parti ohra tad-dinja;
(e) Minn naha l-ohra zwieg civili celebrat f’Malta ghalkemm ma jistax sa issa jaghti lok ghal divorzju f’Malta jista’ taht certi kundizzjonijiet jaghti lok ghal divorzju li jista’ jigi ottenut f’pajjizi ohra barra minn Malta.
(f) Zwieg skond ir-rit religjuz Musulman jaghti lok ghal possibbilta’ ta’ zwieg ta’ ragel wiehed ma’ erba’ nisa;
(g) Il-kontendenti bhala Kattolici prattikanti kienu u huma obbligati skond ir-religjon taghhom, li jizzewgu skond ir-rit tal-Knisja Kattolika;
(h) Zwieg purament civili kien imur kontra it-twemmin u trobbija nisranija taghhom partikolarment fil-kaz tal-libellata li ghexet u giet imrobbija fid-dar taz-ziju taghha l-Monsinjur Antonio Cilia u ghalhekk ma setghux jizzewgu civilment biss;
(i) Inoltre l-obbligi u r-rekwiziti ghal zwieg celebrat skond ir-rit tal-Knisja Kattolika huma ferm aktar oneruzi minn zwieg civili partikolarment minhabba li zwieg kottoliku jezigi <u>l-indissolubilita’</u> u cioe’ li z-zwieg ikun perpetwu u esklusiv;
(j) Ghalhekk is-sentenza tal-Qorti hija bbazata fuq applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata kemm tal-ligi, kif ukoll tal-fatti in kwistjoni u tikkontjeni dispozizzjonijiet kontradittori.

Provi godda skond l-Artikolu 811 (k) tal-Kap. 12:
(a) Meta giet iffirmata l-iskrittura tat-3 ta’ Ottubru 1988 ta’ weghda ta’ zwieg, iz-zewg partijiet kellhom fi hsiebhom li jizzewgu bil-Knisja.
(b) Wara s-sentenza u t-terminu moghti ghall-appell inqalghu diversi xhieda godda biex jikkonfermaw li l-

intenzjonijiet dikjarati tal-partijiet kienu li jizzewgu skond il-Knisja.
(c) Minn naha tal-libellata:
(i) Monsinjur Lawrence Cachia
(ii) Joseph Borg; John Debono ilkoll.
It-tnejn biex jikkonfermaw li l-libellata riedet tizzewweg skond il-Knisja.
(d) Minn naha tal-libellant:
(i) Dr John Bonnici Mallia
(ii) Fr Eugene Cachia
It-tnejn biex jikkonfermaw li l-libellant kellu l-intenzjoni li jizzewweg lill-libellata skond il-Knisja u mhux civilment.

L-esponenti qatt ma kiser volontarjament u illegalment il-weghda tieghu u qatt ma rrifjuta jezegwixxi u jkompli l-imsemmija weghda li taw lil xulxin ghal zwieg celebrat skond ir-rit tal-Knisja Kattolika.

Mill-provi rrizulta fl-aktar mod car li kienet il-Knisja stess li waqqfet iz-zwieg billi l-kunsens tal-konvenut ma kienx liberu bhala rizultat ta’ l-iskrittura bil-penali u ghalhekk l-esponent ma ghandux jigi kkundannat jhallas ebda danni ta’ Lm15,000.

Fuq kollox, l-libellata ma sofriet assolutament ebda danni la materjali u lanqas ta’ natura morali u ghalhekk ebda danni ma huma dovuti. Immedjatament wara li nghalqu l-provi f’din il-kawza l-libellata, minghajr ma stenniet l-ezitu tal-kawza, izzewget proprju lil-libellat l-iehor Ganni sive John Debono li huwa l-istess persuna li l-libellata kienet tkellem kemm qabel, waqt u wara li kienet tkellem lil-libellant u l-libellata qeghda tistenna fil-qrib it-tarbija ta’ Ganni sive John Debono.”

Illi l-libellant ghalhekk kien talab lill-Qorti ta’ l-ewwel grad biex ghar-ragunijiet premessi tirrevoka u thassar totalment is-sentenza moghtija minnha fil-4 ta’ Ottubru 1993 fil-kawza fl-ismijiet Theresa Cilia u skond verbal tal-25 ta’ Gunju 1993 zdiedu l-kliem “illum mart John Debono” vs John Bernard sive Ian Salomone (Citazz. Nru. 589/89/AJM) u konsegwentement tordna li dik il-kawza tigi ritrattata a bazi ta’ l-imsemmija artikoli 811 (e), (i), (k) u (l)

tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) bl-ispejjez kontra l-libellati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

3. Illi b'risposta taghha l-libellata Theresa Debono eccepit:
"1. Prelimarjament, illi l-garanti offert mhux idoneu, u in difett ta' kawtela regolari l-libell ghandu jigi dikjarat dezert.

Subordinatament u bla pregudizzju:-
2. Billi l-libellant qieghed jallega li l-fakoltajiet mentali tieghu huma disturbati, jrid jipprova konkluzivament li hu mhux mignun f'tali stat li ma jistax jistitwixxi din il-kawza.

3. Illi din il-procedura hija nulla billi l-libellant interpona appell mis-sentenza in kwistjoni. Huwa inkoncepibbli li persuna, anke jekk affetta minn disturbi mentali, tipprevalixxi ruhha kontemporanjament minn appell u minn ritrattazzjoni.

4. Illi l-fatti kollha allegati mill-libellant kienu a konjizzjoni tieghu waqt il-kawza, u ghalhekk il-procedura gusta kellha tkun dik ta' l-appell.

5. Illi tlieta mill-aggravji, u cioe' applikazzjoni zbaljata tal-ligi fis-sentenza, disposizzjoni kontradittorja fis-sentenza; u sentenza effett ta' zball li johrog mill-procedura jew mid-dokumenti tal-kawza, kienu certament a konjizzjoni tal-libellant fi zmien tal-ghoti tas-sentenza u ghalhekk huwa kellu juza r-rimedju ordinarju ta' l-appell, u mhux dak straordinarju tar-ritrattazzjoni.

6. Illi l-aggravju ta' "provi godda" huwa infondat. Kull m'hu jallega l-libellant bhala "provi godda" huwa infondat. Kull m'hu jallega l-libellant bhala "provi godda" mhux biss huma provi gia akkwisiti fil-process, imma kienu, se mai, accessibbli facilment lill-libellant waqt il-kawza principali.

7. Illi ezattament qabel spiccat l-ewwel kawza, l-libellant kien sahansitra obbliga ruhu li jhallas is-sorte bi skrittura "di proprio pugno" (Dok. A) kif ukoll hallas l-imghaxijiet

b'cekk tal-Bank (Dok. B). Kien biss b'malintiz bejn l-Avukati tal-partijiet li l-kawza ma lahqitx giet ceduta."

4. Illi bir-risposta tieghu l-libellat John Debono eccepixxa:-
"1. Prelimarjament, illi l-garanti offert mhux idoneu, u in difett ta' kawtela regolari l-libell ghandu jigi dikjarat dezert.

Subordinatament u bla pregudizzju:-
2. Illi hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi ma ghandu ebda interess guridiku fil-kawza u l-fatti kollha jirriferixxu ghal zmien meta hu ma kellu ebda relazzjoni ma' l-intimata.

3. Billi l-libellant qieghed jallega li l-fakoltajiet mentali tieghu huma disturbati, jrid jipprova konkluzivament li hu mhux mignun f'tali stat li ma jistax jistitwixxi din il-kawza.

4. Illi din il-procedura hija nulla billi l-libellant interpona appell mis-sentenza in kwistjoni. Huwa inkoncepibbli li persuna, anke jekk affetta minn disturbi mentali, tipprevalixxi ruhha kontemporanjament minn appell u minn ritrattazzjoni.

5. Illi l-fatti <u>kollha</u> allegati mill-libellant kienu a konjizzjoni tieghu waqt il-kawza, u ghalhekk il-procedura gusta kellha tkun dik ta' l-appell.
6. Illi tlieta mill-aggravji, u cioe' applikazzjoni zbaljata tal-ligi <u>fis-sentenza</u>, disposizzjoni kontradittorja <u>fis-sentenza</u>; u <u>sentenza effett ta' zball</u> li johrog mill-procedura jew mid-dokumenti tal-kawza, kienu certament a konjizzjoni tal-libellant fi zmien ta' l-ghoti tas-sentenza, u ghalhekk huwa kellu juza r-rimedju ordinarju ta' l-appell, u mhux dak straordinarju tar-ritrattazzjoni.

Illi l-aggravju ta' "provi godda" huwa infondat. Kull m'hu jallega l-libellant bhala "provi godda" mhux biss huma provi ga akkwiziti fil-process, imma kienu, se mai, accessibbli facilment lill-libellant waqt il-kawza principali.

Illi ezattament qabel spiccat l-ewwel kawza, l-libellant kien sahansittra obbliga ruhu li jhallas is-sorte, bi skrittura "di

proprio pugno" (Dok. A) kif ukoll hallas l-imghaxijiet b'cekk tal-Bank (Dok. B) Kien biss b'malintiz bejn l-Avukati tal-partijiet li l-kawza ma lahqitx giet ceduta."

**IS-SENTENZA APPELLATA**

5. Illi b'sentenza tal-31 ta' Lulju 1996 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili iddecidiet il-kawza billi ma laqghatx it-talbiet tal-libellant peress li ma sabitx ragunijiet bizzejjed skond il-ligi biex tigi revokata u mhassra s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1993 u biex din l-istess kawza tigi rittrattata bl-ispejjez kontra il-libellant.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

6. Illi l-esponenti hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha quddiem dina l-Qorti fuq l-aggravju li gej:

a) Illi l-ewwel Qorti bbazat is-sentenza taghha fuq interpretazzjoni zbaljata kemm tal-ligi kif ukoll tal-fatti tal-kaz u ma tatx piz bizzejjed lir-ragunijiet mressqa minnu skond il-ligi biex tigi revokata u mhassra s-sentenza mghotija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta'' Ottubru 1993 u biex din l-istess kawza terga tigi rittrattata mill-gdid ghar-ragunijiet imsemmija.

b) Illi l-appellant ma jistax jaqbel mas-sentenza tal-31 ta' Lulju 1996 fejn iddikjarat illi:

"i. L-ewwel Qorti ikkonsidrat jekk il-libellant kellux jew le, seta' jew ridha biex johloq il-kusens taz-zwieg a bazi ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255 u ddecidiet li huwa kellu."

"ii. Din id-distinzjoni (bejn iz-zwieg civili u dak skond ir-Rit Kattoliku), pero' giet ikkunsidrata mill-ewwel Qorti (l-ewwel fis-sens kronologiku) li fuqha zgur li espressament tat decizjoni."

"iii. L-ewwel Qorti tat interpretazzjoni tal-ligi – dik il-ligi li torbot il-partijiet bi ftehim kontrattwali taghhom liema interpretazzjoni mhix sindikabbli b'dawn il-proceduri."

"iv. Kif tista parti tipprova li ma kinitx taf bil-provvedimenti tal-ligi ta' pajjizna qabel ma ghalaq iz-zmien ta' l-appell!"

"v. Minkejja illi dan jista' jkun minnu (li d-distinzjoni legali bejn il-kapacita' biex wiehed jikkontrattja u dak li ghandu bzonn biex wiehed jaghmel testment ma kinetx a konoxxenza tax-xhud li ghalhekk ma kienx car fix-xhieda tieghu), fil-fehma ta' din il-Qorti, ix-xhieda ta' Dr. Debono kienet cara bizzejjed biex twassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni illi bil-prova tieghu 'ex parte' il-libellant wera li kien kapaci jikkontrattja fil-mument rilevanti minkejja li dan forsi, jigi ripetut, ma kienx konsiljabbli."

"vi. Irid jinghad ukoll, dwar dan l-aggravju li l-fatti kif prezentati u, minkejja dak minnu allegat, kienu zgur maghrufa lill-istess libellant qabel ma skada iz-zmien ta' l-appell."

"vii. Irid jinghad mill-ewwel li l-ligi (Artikolu 811 (k) Kap. 12) titkellem fuq dokument biss bil-kwalifika li dan irid ikun deciziv. Ix-xhieda tal-persuni imsemmija ma taqax taht l-ewwel kategorija u in ogni caso, ma jistax jinghad li tista' tkun deciziva. Il-libellat kellu l-possibilita' li jgib din il-prova permezz ta' xhieda ohra li hu fil-fatt dak li jipprova jaghmel."

"viii. F'dawn il-proceduri, pero', certament ma ipprovax illi dan il-fatt, jew dawn ix-xhieda gie jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien ta' l-appell."

"ix. 'Is-sorprisa' tal-Qorti sar jaf biha mal-pronunzja tas-sentenza. Ix-xhieda kienu ilhom minnu maghrufin u seta' facilment fic-cirkostanzi talab li jistemghu fil-grad ta' appell kieku huwa kien fil-fatt appella."

"x. Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti thoss li tasal ghal konkluzjoni li minhabba dawn ir-ragunijiet it-talbiet tal-libellant ma jistghux jigu milqugha peress li ma ssibx li hemm ragunijiet bizzejjed skond il-ligi biex tigi revokata u mhassra s-sentenza mghotija mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1993 u biex din l-istess kawza tigi ttrattata."

Ma hemm l-ebda dubbju li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx jekk il-libellant kellux jew le, setgha jew rieda biex johloq il-kusens taz-zwieg a bazi ta' l-Art. 19 tal-Kap. 255. Tant hu hekk li mkien fis-sentenza taghha ma ssemiet l-Artikolu 19 tal-Kap. 255. Jekk l-ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjoni u ddecidiet li l-libellant kellu l-kapacita' jikkuntrattja dan certament ma kienx il-livell tal-kunsens ghaz-zwieg rikjest mill-ligi a bazi ta' l-Art. 19 tal-Kap. 225.
Huwa car u ovvju li l-ewwel Qorti qatt ma kkonsidrat id-distinzjoni bejn zwieg civili u dak skond ir-Rit Kattoliku u certament ma tatx d-decizjoni taghha a bazi ta' din di-distinzjoni. Tant hu hekk ukoll illi l-ewwel Qorti qalet: "li l-fatt li jissemma zwieg bir-Rit tal-Knisja Kattolika kien 'sempliciment incidentali'"

Ghalkemm l-ewwel Qorti jista' jkun li tat interpretazzjoni tal-ligi – dik il-ligi li torbot il-partijiet bi ftehim kontrattwali taghhom, l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili (Kap. 16) esspressament tghid li "meta l-kliem tal-kuntratt hu car ma hemmx lok ghal interpretazzjoni."

Ghalhekk kien hemm applikazzjoni erronea tal-ligi li tghati lok ghal ritrattazzjoni a bazi ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12. L-ewwel Qorti interpretat il-ligi meta l-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili espressament jipprojbixxi interpretazzjoni tal-Qorti meta l-kliem tal-kuntratt huwa car. Ma hemm l-ebda dubbju li fl-iskrittura tat-3 ta' Ottubru 1988 il-partijiet specifikatament ftehmu li jiccelebraw zwieg skond ir-Rit tal-Knisja Kattolika.

In oltre skond l-artikolu 1009 tal-Kodici Civili (Kap. 16), "fid-dubbju, il-konvenzjoni tigi mfissra kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni u favur dak lilli intrabat bl-obbligazzjoni."Dubbju kellu jmur favur il-libellant u mhux kontra tieghu.
Jidher car bir-rispett kollu li l-Qorti li tat is-sentenza taghha fil-31 ta' Lulju 1996 ma fehemitx sew id-distinzjoni bejn interpretazzjoni zbaljata tal-ligi u applikazzjoni erronea tal-ligi. L-esponenti jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni erronea tal-ligi u missa applikat:

1) l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap. 225;
2) l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

3) l-artikolu 1009 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Il-Qorti li ddecidiet il-kawza fil-31 ta’ Lulju 1996 kellha tiddikjara li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni erronea tal-ligi izda dan m’ghamlitux.

Kuntrarjament ghad-decizjoni tal-Qorti in oltre x-xhieda ta’ Dr. Debono ma twassalx ghal konkluzjoni li l-libellant wera li necessarjament kien kapaci jikkuntrattja fil-mument relevanti.

Il-libellati ma ressqu l-ebda provi biex jikkontradixxu l-evidenza prodotta mill-libellant li l-fatti li jaghtu lok ghal ritrattazzjoni ma kienux maghrufa lill-istess libellant qabel ma skada it-terminu ta’ l-appell. Li kieku l-argument tal-Qorti li l-parti ma tistax tipprova li ma kienetx taf bil-provvedimenti tal-ligi ta’ pajjizna qabel ma ghalaq iz-zmien ta’ l-appell ireggi, kieku qatt ma tista’ ssir ritrattazzjoni a bazi ta’ applikazzjoni erronea tal-ligi.

L-Art. 811 (k) tal-Kap. 12 ghalkemm isemmi dokument ghandu jigi mfisser li jinkludi provi godda inkluz permezz ta’ xhieda ohra liema prova hija certament deciziva. Il-libellant ma kellu l-ebda possibilita’ li jgib din il-prova permezz ta’ xhieda ohra.

Il-libellant irnexxielu jiprova bl-aktar mod konkret li dan il-fatt, jew dawn ix-xhieda gie jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien ta’ l-appell kif jirrizulta mit-testimonjanza ta’ l-istess xhieda.

Il-libellant jaghmel referenza ghan-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu biex jsostni li hemm ragunijiet bizzejjed skond il-ligi biex tigi revokata u mhassra s-sentenza mghotija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-4 ta’ Ottubru 1993 u biex din l-istess kawza tigi ritrattata mill-gdid.

Ghaldaqstant l-appellant talab li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza mghotija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Lulju 1996 u tiddeciedi minflok billi tilqa’ it-talbiet attrici u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza deciza fis-

sentenza tal-4 ta' Ottubru 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Theresa Cilia, illum mart John Debono vs John Bernard sive Ian Salomone" (Citazz. Nru. 589/89/AJM) u konsegwentement tordna li dik il-kawza tigi ritrattata a bazi ta' l-imsemmija Art. 811 (e), (i), (k) u (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) bl-ispejjez kontra l-appellata.

## IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' THERESA DEBONO

7. L-attrici appellata iwegbet hekk:-

(i) Illi l-appell odjern huwa abbuz spudorat tal-process gudizzjarju, u ghandu, f'gieh is-serjeta', jigi stimmatizzat bhala tali.

(ii) Illi din ir-ritrattazzjoni saret wara li John Bernard Salomone, kien <u>appella</u> "fouri termine" mill-kawza ritrattata. Li tappella wara li skada t-terminu ta' l-appell huwa ga, fih innifsu abbuz tal-process tal-gustizzja. Imma li, wara li tappella u ccedi l-appell, tipprezenta kawza ta' ritrattazzjoni, huwa l-kolmo ta' l-indecenza gudizzjarja.

(iii) Dak l-appell u din ir-Ritrattazzjoni saru wara li John Salomone kien <u>ga hallas lill-esponenti s-sorte tas-sentenza ritrattata</u>. Dak l-appell u din ir-Ritrattazzjoni saru wara li ghall-inqas zewg avukati serji rrifjutaw li jintavolaw l-appell ta' John Salomone, ghax ma riedux isiru komplici f'makkjetti torbidi.

(iv) Is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. L-esponenti jistrieh fuq it-trattazzjoni tal-kontroparti in sostenn tat-tezi taghha.

(v) L-unika haga li titlob l-esponenti hija applikazzjoni tal-provvediment ta' l-ispejjez doppji, mizura minima fil-konfront ta' l-impertinenza ta' l-isfida ta' l-appellant.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

8. Minhabba n-natura komplessa tal-procedura in ezami din il-Qorti jidhrilha li qabel kollox ikun ferm utli li taghti riassunt in succint ta' dak li wassal ghal dana l-appell:

(i) L-appellata Theresa Debono, nee' Cilia, kienet istitwit kawza civili ghal danni rizultanti minn promessa ta' zwieg li giet allegatament miksura kontra l-appellant (citazzjoni numru 589/89/AJM), liema kawza giet deciza, b'ezitu kontra l-appellant odjern, konvenut f'dik il-kawza, in forza ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1993;

(ii) Mill-precitata decizjoni, il-konvenut John Bernard sive Ian Salomone interpona appell permezz ta' petizzjoni ta' appell li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Novembru 1993 fejn talab ir-revoka tas-sentenza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra tieghu.

In risposta, l-attrici appellata inter alia eccepiet li l-appell tal-konvenut kien null u vessatorju billi sar fouri termine u dan ukoll meta s-sentenza in kwistjoni kienet ghaddiet in gudikat.

(iii) B'nota datata l-14 ta' Marzu 1994, l-imsemmi konvenut appellant ceda l-appell tieghu billi ddikjara li kien qieghed "jirrinunzja ghall-appell".

(iv) Jirrizulta pero' li qabel ma l-appellant ceda l-appell tieghu, huwa intavola wkoll libell ta' ritrattazzjoni in data tat-3 ta' Jannar 1994 li fih talab lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili dan li gej:

"li .... tirrevoka u thassar totalment is-sentenza moghtija minnha fl-4 ta' Ottubru 1993 fil-kawza fl-ismijiet Theresa Cilia u skond verbal "tal-25 ta' Gunju, 1993, zdiedu l-kliem 'illum mart John Debono' vs John Bernard sive Ian Salomone (Citazz. Nru. 589/89/AJM) u konsegwentement tordna li dik il-kawza tigi ritrattata a bazi ta' l-imsemmija artikoli 811(e), (i), (k) u (l) tal-Kodici ta' organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) bl-ispejjez kontra l-libellati...."

(v) B'sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Lulju 1996, il-Qorti ta' l-ewwel grad cahdet it-talbiet tal-konvenut libellant (l-appellant odjern) u dana

"....peress li ma ssibx li hemm ragunijiet bizzejjed skond il-ligi biex tigi revokata u mhassra"

(vi) L-appell in ezami quddiem din il-Qorti, ipprezentat mir-ritrattand fl-20 ta' Awwissu 1996 huwa intiz biex ir-ritrattand jottjeni r-revoka tas-sentenza maqtugha kontra tieghu mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Lulju 1996 u tilqa' t-talba tieghu ghal fini ta' ritrattazzjoni tas-sentenza antecedenti (li dwarha kien gie interpost appell pero' gie cedut) moghtija fl-4 ta' Ottubru 1993.

9. Moghti l-iter procedurali li sehh riferibbilment ghal din il-vertenza, din il-Qorti issa sejra tiddelibera dwar l-aggravji ta' l-appellant ritrattand, fid-dawl ta' dak illi wiegbet il-kontroparti appellata.

10. Tajjeb li qabel xejn jinghad ukoll li l-azzjoni originali ta' l-attrici kienet tirrigwarda obbligazzjoni rizultanti minn skrittura privata maghmulha bejn il-partijiet fit-3 ta' Ottubru 1988, li permezz taghha l-partijiet (il-kontendenti f'din il-kawza) kienu weghdu lil xulxin u taw promessa ta' zwieg b'likwidazzjoni reciproka dwar danni talvolta rizultanti fil-kaz li tinkiser din il-weghda ta' zwieg minn xi wahda mill-partijiet.

Illi apparti mill-meritu tal-vertenza pero`, hemm konsiderazzjonijiet ta' natura legali/procedurali li qabel ma jigu investiti u decizi, ma jkunx possibli ghal din il-Qorti li tghaddi biex tinvesti u tiddeciedi dwar il-mertu.

11. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, darba li l-konvenut ritrattand kien appella mill-ewwel sentenza moghtija fl-4 ta' Ottubru 1993, u in segwitu ceda l-appell, dan suppost kellu u kien fil-fatt jimplika li l-imsemmija sentenza deciza kontrieh kienet marret in gudikat. Din il-Qorti uzat il-kwalifikattiv ta' "suppost" ghar-raguni li entro t-terminu perentorju u statutorju ta' tlett (3) xhur impost mil-ligi tal-procedura, l-appellant, kif fuq inghad, ipprezenta libell ghall-fini ta' ritrattazzjoni ta' l-istess kawza u dan a bazi ta' l-artiklu 811 tal-Kap. 12 u specifikament u tenur ta' erba' (4) subincizi, igifieri: 811(e), 811(i), 811(k) u 811(l).

Ikkunsidrat illi trattandosi hawn ta' procedura ta' ritrattazzjoni wiehed kellu jipprezumi li l-instanti kellu l-ewwel jezawrixxi l-mezzi kollha ordinarji disponibbli qabel ma jirrikorri ghall-procdura ta' ritrattazzjoni. Fi kliem iehor huwa kien messu appella mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Fil-fatt jirrizulta li l-appellant odjern l-ewwel ghazel din it-triq imma li dan ghamlu tardivament u in segwitu pprezenta libell ghall-fini ta' ritrattazzjoni. Wara mbaghad il-konvenut appellant ceda l-petizzjoni ta' l-appell. Gustament, ghalhekk l-ewwel Qorti elaborat in propozitu tar-riferenza li saret mir-ritrattand ghall-erba' subincizi ta' l-Artikolu 811, fuq imsemmija, hekk,
"Proprjament dawn is-subincizi japplikaw ghar-ritrattazzjoni fil-grad ta' appell. Dawn il-provvedimenti, pero', gew estizi ghall-Qorti ta' l-ewwel grad permezz ta' l-artikolu 812 basta pero' li l-libellant jipprova illi 'li l-parti tkun giet taf bil-fatti li minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell".

12. Skond ir-ritrattand "minn mindu nghatat is-sentenza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1993 u wara li skada t-terminu ta' l-appell, aktar provi u evidenza rrizultaw lill-esponenti (i.e. lill-libellant) li minhabba l-importanza taghhom jimmeritaw it-trattazzjoni (recte ir-ritrattazzjoni) tal-kawza".

Din il-lanjanza gja' kienet giet maghmulha u mistharrga sew quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad izda giet respinta. L-ewwel Qorti, wara li kkunsidrat b'mod approfondit id-dizpozittiv ta' l-artiklu 811 sub-inciz (k) u rat is-sottomissjonijiet relativi minn naha tal-konvenut libellant, u wara li osservat ukoll li l-ligi ssemmi s-sejbien ta' dokument deciziv u mhux xhieda ut sic, irriteniet li,
"F'dawn il-proceduri, pero' (il-konvenut libellant) certament ma pprovax illi dan il-fatt jew dawn ix-xhieda gie jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien ta' l-appell. Is-'sorpriza' tal-Qorti sar jaf biha mal-pronunzja (recte pronunzjament) tas-sentenza. Ix-xhieda kienu ilhom minnu maghrufin u seta' facilment fic-cirkustanzi talab li jinstemghu fil-grad ta' appell kieku huwa fil-fatt appella "(Sottolinear tal-Qorti).

13. Fin-nota ta’ osservazzjonijiet li r-ritrattand ipprezenta quddiem l-ewwel Qorti (fol 94 et seq. tal-process) huwa jafferma illi “kien biss wara li nqatghet is-sentenza u skada t-terminu ta’ l-appell li nqalghu xhieda godda b’kombinazzjoni li kkonfermaw lill-libellant li l-intenzjoni tal-partiiet kienet li jiccelebraw zwieg religjuz Kattoliku u mhux semplicement zwieg civili.” Skond ir-ritrattand dawn il-provi “godda” kienu jikkonsistu fit-testimonjanza ta’ Mons. Lawrence Cachia, Patri Eugene Cachia O.P u Dottor John Bonnici Mallia, M.D. “li xehdu t-tlieta kemm huma waqt dawn il-proceduri”.

Din il-Qorti jkollha hawn tosserva illi fir-realta’ u minn punto di vista ta’ procedura, ir-ritrattand ma setax jipproponi l-azzjoni, lanqas quddiem l-ewwel Qorti, a bazi ta’ l-artiklu 811 minghajr b’xi mod ma jiggustifika l-ghala ma pprevalixxiex ruhu mill-procedura ta’ l-appell. Cedut l-appell – li f’kull kaz kien irritu u null – l-uniku mezz li l-konvenut kien ghad fadallu kien per via ta’ l-artiklu 812 tal-Kap. 12 igifieri, fejn il-parti tkun taf bil-fatti ... wera li jkun ghalaq iz-zmien ta’ l-appell. Imma r-ritrattand ma jieqafx hawn billi qieghed issa jitlob ukoll f’dana l-istadju li jistabbilixxi fatti ohrajn u ulterjuri bix-xhieda ta’ espert psikjatriku. Fil-fatt b’verbal datat it-8 ta’ Mejju 2002 quddiem din il-Qorti, ir-Ritrattand appellant talab li bhala parti mis-sottomissjonijiet tieghu,
“li jigi nominat espert psikjatriku f’dan l-istadju biex jirrelata mil-lat mediku dwar il-kunsens u l-kapacita’ li jitratta l-appellant f’zewg stadji: (1) fl-istadju meta dahal ghall-obbligazzjonijiet kuntrattwali; u (2) fl-istadju meta kien qed jiddekorri t-terminu ta’ l-appell u jekk setax jiddeciedi l-appellant li jappella”.

Apparti li fin-normalita’ tal-<u>iter</u> procedurali, xhieda godda ma jinstemghux quddiem il-Qorti ta’ l-Appell jekk mhux ghal xi raguni specjali u jew eccezzjonali, dak li qed jitlob l-appellant mhux biss seta’ talbu quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad imma jirrizulta li gja’ hemm ix-xhieda <u>ex</u> <u>parte</u> (xhud tieghu stess) moghtija mill-psikjatra Dottor George Debono, tabib kuranti tieghu, li nstema’ ghal darba darbtejn quddiem l-ewwel Qorti. Dan <u>inter</u> <u>alia</u> (ara deposizzjoni tieghu moghtija fil-15 ta’ Novembru 1994) li

ghaliha wkoll saret riferenza fis-sentenza appellata fejn dan qal katergorikament hekk:
“Pero’ ma nistax nghid li dana (igifieri l-appellant) kien totalment inkapaci milli jikkontratta. Minkejja dan kollu, li jiena kont intieh il-pariri kollha biex dana ma jaghmlux, jiena nghid li huwa kien kapaci jikkontratta” (Sottolinear tal-Qorti).

Mhux xi haga inversomili ghall-persuni involuti li jsibuha difficli ghalihom jew ihossuhom imhawda fil-kors ta’ proceduri gudizzjarji u proprju ghalhekk dawn ghandhom dejjem ifittxu u f’kull hin l-assistenza legali ta’ professjonist. B’daqstant pero’ ma jfissirx li huma allura ghandhom jitqiesu inkapaci li jmexxu l-atti tal-hajja civili. L-avukat ta’ l-appellant jidher li pprova javvicina u jippressa lill-psikjatra Dottor Debono biex minnu jiehu l-ispunt li huwa ried biex “jiggustifika” l-ghala l-appellant ma kienx ghamel appell tempestivament mill-ewwel gudikat. Meta l-istess xhud rega’ tressaq biex jixhed fis-seduta mizmuma fl-24 ta’ Jannar 1995, in kontro-ezami jistqarr dan:
“Li qed jigi ssuggerit lili, il-‘gist’ tieghu kien li hu kien kapaci jaghmel dan il-kuntratt allavolja ma kienx rakkomandabbli li hu jaghmlu.”
Fil-fehma meqjusa ta’ din il-Qorti, dak li qieghed jintenta jaghmel l-appellant odjen hu li jimmina l-kapacita’ tieghu kemm li jikkontratta kif ukoll dik ta’ dixxerniment – almenu fil-mument li nqatghet l-ewwel kawza – u b’hekk juri li hu ma kienx appella fiz-zmien moghti mil-ligi ghax kien fi stat konfuz u ta’ inkapacita’ li jagixxi. Izda mix-xhieda tal-psikjatra Debono prodott minnu stess, jidher bic-car li ma kien hemm xejn milli jwaqqaf jew jimpedixxi lill-konvenut milli jikkonsulta avukat u jinterponi appell. Ir-ritrattand donnu jippretendi li din il-Qorti taccetta stat ta' fatt, li ma jirrizulta minn imkien, li filwaqt li fiz-zmien ta' meta suppost seta' appella, huwa ma kienx kapaci jmexxi l-atti tal-hajja civili, issa u in forza allura tal-procedura tar-ritrattazzjoni jista’ jmexxi fuq dan it-tieni binarju bhallikieku xejn. Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha li m’hemm ebda raguni l-ghala ghandha tigi skartata jew disdetta t-testimonjanza tat-tabib George Debono dwar l-istat mentali ta’ l-appellant dwar il-kapacita’ tieghu li jikkontratta. U ghal din ir-raguni wkoll

ma ssib l-ebda gustifikazzjoni biex tilqa’ t-talba tieghu biex f’dana l-istadju din il-Qorti tinnomina espert psikjatriku iehor ghall-finijiet indikati minnu. Ghalhekk din it-talba qeghda tigi respinta.

Mis-suespost isegwi li l-appellant bl-ebda mod ma ssodisfa l-kriterju li hemm stabbilit fis-subinciz (k) ta’ l-art. 811 tal-Kap. 12. Dan igib il-konsegwenza li l-procedura kollha inizjata mill-appellant Salomone hija vizjata u li din il-Qorti tista’ tieqaf hawn. Billi pero’ l-ewwel Qorti dehrilha opportun li b’xi mod tinvesti s-subincizi l-ohrajn ta’ l-artikolu 811 invokati mill-appellant, jidhrilha li ghandha taghmel ukoll accenn ghalihom – bla pregudizzju pero’ ta’ dak illi gja’ gie ritenut <u>supra</u>.

14. Wara li fir-rikors ta’ appell tieghu, l-appellant jerga’ jaghti verzjoni estensiva tal-fatti kif jarahom hu, jghaddi mbaghad biex jghid x’inhi l-bazi li dwarha invoka s-subinciz (e) ta’ l-artiklu 811, igifieri li fis-sentenza li nghatat kien hemm applikazzjoni erroneja tal-ligi. Hu jirreferi mill-gdid fit-tul dwar dak li xehed il-psikjatra Dottor George Debono u dan biex juri li “ghalhekk il-kunsens tal-libellant ghal weghda taz-zwieg kien vizzjat u ma kienx sufficjenti biex jintrabat li jizzewweg” u li dan in-nuqqas “irrenda l-kunsens ... null u minghajr ebda effett skond il-ligi”. Din il-Qorti qieset dana l-aggravju u, bla pregudizzju ghal dak li gie ritenut aktar qabel, ma sabet <u>assolutament xejn ta’ sustanza</u> li b’xi mod tinkwadrah taht “applikazzjoni hazina tal-ligi”. Huwa minnu li fil-korp tar-rikors ta’ l-appell il-libellant jissottometti li “l-ewwel Qorti ma kkonsidratx jekk il-libellant kellux jew le, setgha jew rieda biex johloq il-kunsens taz-zwieg a bazi ta’ l-artiklu 19 tal-Kap. 255” imma ezami tas-sentenza appellata juri invece diversament. Li ghamlet il-Qorti kien ezercizzju <u>interprettativ</u> tal-provi li gew prodotti quddiemha fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha mill-partijiet. Evidentement il-libellant mhux jaqbel ma’ l-interpretazzjoni li nghatat mill-ewwel Qorti, dan pero’ ma jammontax ghal xi ksur kif hemm stipulat fis-subinciz (e) ta’ l-artiklu 811. Il-libellant imbaghad jestendi l-aggravju tieghu billi jiccita l-artiklu 1002, kif ukoll l-artiklu 1009 tal-Kap. 16 imma hawn ukoll huwa baqa’, minkejja li jghid xort’ ohra, fil-kamp

interprettativ u dan meta l-ligi nfisha tghid espressament li dan is-subinciz (e) jkun jista' jingieb 'l quddiem biss,
"basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni".
Dan l-aggravju ghalhekk huwa f'kull kaz wiehed infondat.

15. Originarjament ukoll, il-libellant jidher li bbaza l-kawza tieghu, ghal fini ta' ritrattazzjoni, fuq is-subincizi (i) u (l) ta' l-artiklu 811, igifieri
(i) "jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin" u
(l) "jekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza".

Dwar is-subinciz (i), din il-Qorti, wara li hadet kont ta' dak li gie sottomess mill-libellant, kompriza fin-nota ta' osservazzjonijiet elaborata li hu pprezenta quddiem l-ewwel Qorti; ma sabet xejn fis-sentenza appellata illi minimament jersaq lejn dak li l-ligi tal-procedura ssemmi bhala "disposizzjonijiet kontra xulxin". Wiehed jista' jaghti bixra interpretattiva tal-provi differenti minn kif moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad imma dan mhux bizzejjed biex jaghti d-dritt ta' ritrattazzjoni, apparti dejjem li gie maqbuz l-istadju ta' l-appell bla gustifikazzjoni fil-ligi.

Dwar is-subinciz (e), din il-Qorti ma sabet xejn fis-sentenza appellata li kien "effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza". Li jirrizulta invece hu li l-libellant, sabiex il-kawza tieghu tirnexxi, htieglu jistabbilixxi certi "fatti". Il-kontroparti kkontestat il-"fatti" premessi mil-libellant. Dwar dawn il-"fatti", hekk ikkontestati mir-ritrattata, kien hemm decizjoni. Dan il-mod ta' procediment mhux bizzejjed biex jintitola lill-libellant biex jipproponi kawza ghal ritratazzjoni bbazata fuq "zball li jidher mill-atti". Rinfaccjat b'dan kollu, il-libellant safa' kostrett li jaqa' fuq is-subinciz (k) ta' l-artiklu 811. Dan hu hekk ghar-raguni li in forza tat-talba tieghu li jergghu jinstemghu mill-gdid numru ta' xhieda li gja' kienu xehdu, il-libellant seta' possibilment jissana n-nuqqas tieghu meta ma appellax fit-terminu u safa' kostrett li jcedi l-appell, kif ukoll billi fl-istess waqt jaghti bazi legali ghall-procedura l-ohra li nel frattemp kien intavola, igifieri dik, in ezami, ghal

fini ta' ritrattazzjoni. Din il-Qorti, bhal dik ta' l-ewwel grad, m'hijiex tal-fehma li "l-libellant irnexxielu jipprova bl-aktar mod konkret li dan il-fatt, jew dawn ix-xhieda gie jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien fl-appell" kif issottometta l-libellant. Tajjeb hawn li ssir riferenza ghall-parti mid-decide ta' l-ewwel Qorti fejn intqal, ma' liema fehma din il-Qorti hija konkordi, li gej,

"F'dawn il-proceduri, pero', certament (il-libellant) ma pprovax illi dan il-fatt jew dawn ix-xhieda gie jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien ta' l-Appell. 'Is-sorpriza' tal-Qorti sar jaf biha mal-pronunzja tas-sentenza u seta' facilment fic-cirkostanzi talab li jinstemghu fil-grad ta' appell kieku huwa kien fil-fatt appella".

Il-libellant kellu kull possibilita' li jressaq kull prova u kull xhud li ried, kellu l-pjena fakolta' li jintavola appell mill-ewwel sentenza, igifieri dik ta' l-4 ta' Ottubru 1993 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, izda kien mankanti. Billi z-zmien ta' l-appell kien ilu li skada, huwa pprova jidhol mit-tieqa billi jipproponi minflok procedura ta' ritrattazzjoni.

16. Iilli huwa ben risaput li procedura ta' ritrattazzjoni u r-regoli li jiggvernaw dan ir-rimedju eccezzjonali huwa ta' interpretazzjoni stretta hafna (ara fost ohrajn Koll. Vol XXVII-I-88, Vol XXVII-I-22). Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni ghandu dejjem jitqies u jittiehed bhala wiehed ta' indole straordinarja (Vol. XXIX-I-798 u Vol LXXVIII-II-13). Illi kif gie ritenut ukoll mill-Qrati taghna (Vol XXV-I-141) dan ir-rimedju

"non si da per qualunque caso di vera o supposta ingiustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita' del giudicato che solo potra` mettere fine alla lite, poiche' l' autorita' della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile".

17. Illi fir-risposta qasira taghha ghall-appell tal-libellant, il-kontroparti appellata ddeskrivit l-istanza ta' l-appell f'dan il-kaz bhala "abbuz spudorat tal-process gudizzjarju, u ghandu, f'gieh is-serjeta', jigi stimmattizzat bhala tali". Illi normalment dawn il-Qrati ftit li xejn jinkoraggixxu dicitura

daqstant “kulurita” u kien hemm kazi fejn interveniet billi ordnat anke t-thassir ta’ certu kliem goff u bla htiega tieghu. Fil-kaz in ezami pero’ din il-Qorti jidhrilha effettivament li tabilhaqq it-tentattiv legalistiku tal-libellant jimmerita tali deskrizzjoni u, fic-cirkostanzi, ghandha tilqa’ t-talba ta’ l-appellata ghall-applikazzjoni tas-sanzjoni tad-doppju spese ai termini ta’ l-artikolu 223 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan qeghda taghmlu ghaliex din il-Qorti, wara li qieset is-suespost, hija tal-fehma li l-appell ta’ l-appellant kienet wiehed fieragh u vessatorju.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Lulju 1996 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta’ l-appellant bl-ispejjez gudizzjarji doppji kontra tieghu.

Dep/Reg
df